MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 939/2013

**Francis Rapa K.I. numru 40660 (G) ezercenti n-negozju F & F Commercial**

***kontra***

**Avantgarde Projects Limited (C37657)**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat imressaq bil-procedura sommarja specjali fl-1 ta` Ottubru 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti jahdem ghal rasu u jmexxi negozju bl-isem ta' F&F Commercial li jikkonsisti f' bejgh u xiri ta' makkinarju u oggetti ohra relatati;*

*2. Illi l-kumpannija konvenuta hi kijenta tal-esponenti;*

*3. Illi l-kawza odjerna si tratta dwar makkinarju u oggetti ohra relatati li nbieghu u gew ikkonsenjati mill-esponenti lill-kumpannija konvenuta, izda li din tal-ahhar ghad ma halsitx il-prezz taghhom kollu;*

*4. Illi kif jidher mill-fatturi (ara d-dokumenti 'A' sa 'E'), l-oggetti mibjugha jikkonsistu f':*

*a. Bobcat S100 (year 2008) u Benford Dumper (year 2002) fuq fattura numru 270 u datata 29 ta' Marzu 2012,*
*b. Flat trailer 15 x 7 tiltbed tal-marka Bateson (year 2009) u compaction plate driven diesel u genset generator 6KVA (year 2005) fuq fattura 271 datata 30 ta' Marzu 2012,*
*c. S/H Roadway double drum roller fuq fattura numru 275 datata 11 ta' Mejju 2012,*
*d. S/H Fork and frame to suit skidster loader fuq fattura numru 305 datata 12 ta' Gunju 2012, u*
*e. S/H Caterpillar telehandler with telescopic boom fuq fattura numru 308 datata 16 t' Awissu 2012;*

*5. Illi l-bejgh in kwistjoni kien ghall-ammont totali t'erbgha u erbghin elf, mija, tmienja u tletin Euro u erbgha u tletin centezmu (€44,138.34), li minnhom l-esponenti gabar b' hafna taqtigh il-qalb, biss hlas parzjali;*

*6. Illi l-kumpannija konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu, fosthom permezz t'ittra ufficjali numru 2180/2013 datata 22 ta' Lulju 2013 (ara Dok. 'F');*

*7. Illi qabel ma ntbghatet l-ittra ufficcjali, l-ahhar pagament tal-kumpannija konvenuta, kien imur lura ghal Jannar 2013. Wara l-ispedizzjoni tal-imsemmija ittra*

*ufficjali, din l-istess kumpannija ghamlet hlas parzjali ta' tlett elef Euro (€3,000);*

*8. Illi l-hlas kollu li sar s' issa mill-kumpannija konvenuta jammonta ghal tmintax-il elf, sebgha u hamsin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€18,057.84) (ara Dok. 'G'), li gie allokat fl-intier tieghu kontra l-ammont dovut fuq fattura numru 271, izda madankollu, dan mhuwiex sodisfacenti ghall-esponenti u kif intima diga', permezz tal-ittra ufficcjali fuq imsemmija, sejjer jipprocedi b' din il-kawza;*

*9. Illi fuq l-imsemmi ammont ta' erbgha u erbghin elf, mija, tmienja, u tletin Euro u erbgha u tletin centezmu (€44,138.34), l-esponenti ghad fadallu jithallas minghand il-kumpannija konvenuta bilanc ta' sitta u ghoxrin elf, tmenin Euro u hamsin centezmu (€26,080.50) (ara Dok. 'G');*

*10. Illi fil-fehma tal-esponenti, dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m' ghandhomx eccezzjonijiet x' jaghtu f' dan ir-rigward kontra t-talbiet ta' l-esponenti;*

*11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hi debitrici tal-esponenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, tmenin Euro u hamsin centezmu (€26,080.50);*

*3. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-esponenti l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf, tmenin Euro u hamsin centezmu (€26,080.50); u*

*4. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas l-imghaxijiet bl-ghola rata permessa mil-ligi b' dana kollu li l-imghaxxijiet fuq l-ammont li jidher fuq kull wahda mill-fatturi fuq imsemmija, jinhadmu mid-data tal-fattura rispettiva sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali fuq imsemmiha u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1352/2013 gja prezentat. Il-kumpannija hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u dan b' rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-istess kumpannija konvenuta*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien ma' l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ukoll l-istess dokumenti fid-dettall taghhom.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet notifikata skond il-Ligi bir-rikors promotorju u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-14 ta' Ottubru 2013.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta prezentata a tenur ta' l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12 fil-31 ta' Ottubru 2013.

Semghet lil Joseph Vella direttur manigerjali tal-kumpannija konvenuta u lill-attur fl-udjenza ta' l-4 ta' Novembru 2013.

Rat l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi abbazi tal-provi akkwiziti il-Qorti hija tal-fehma illi l-kumpannija konvenuta ma gabitx a konjizzjoni taghha fatti jew punti ta' Ligi li jistghu jitqiesu bhala bizzejjed biex jaghtuha l-jedd li topponi t-talba attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi -

**(1) Tilqa' l-ewwel talba.**

**(2) Tilqa' t-tieni talba.**

**(3) Tilqa' t-tielet talba.**

**(4) Tilqa' r-raba' talba.**

**(5) Tikkundanna l-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1352/2013.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------